# Il-KPT fil-qosor



Kumitat Ewropew għall-Prevenzjoni kontra t-Tortura u t-Trattament jew il-Pieni Inumani jew Degradanti (KPT)

COUNCIL OF EUROPE

CONSEIL DE L'EUROPE



# Prevenzjoni kontra t-trattament ħażin ta' persuni li tkun itteħditilhom il-libertà tagħhom fl-Ewropa

Il-KPT jorganizza żjarat f'postijiet ta' detenzjoni sabiex jevalwa kif ikunu qegħdin jiġu ttrattati persuni li tkun itteħditilhom il-libertà tagħhom. Fost dawn il-postijiet insibu ħabsijiet, ċentri ta' detenzjoni għall-minorenni, għases tal-pulizija, ċentri fejn jinżammu l-immigranti irregolari, sptarijiet psikjatriċi, djar fejn tingħata għajnuna soċjali, eċċ.

Id-delegazzjoniet tal-KPT ikollhom aċċess sħiħ għall-postijiet ta' detenzjoni, u għandhom id-dritt li jduru ġewwa dawn il-postijiet mingħajr ebda restrizzjoni. Dawn jistgħu jintervistaw fil-privat persuni li tkun itteħditilhom il-libertà tagħhom, u jitħallew jitkellmu bla xkiel ma' kull min jista' jgħaddilhom xi informazzjoni.

Wara kull żjara, il-KPT jibgħat rapport iddettaljat lill-Istat ikkonċernat. Dan ir-rapport jiġbor fih is-sejbiet tal-KPT, u r-rakkomandazzjonijiet, il-kummenti u t-talbiet għall-informazzjoni li jsiru minnu. Il-KPT jitlob ukoll tweġiba ddettaljata għall-kwistjonijiet imqajma fir-rapport tiegħu. Dawn ir-rapporti u t-tweġibiet jiffurmaw parti minn djalogu kontinwu mal-Istati kkonċernati.

L-isem sħiħ tal-KPT huwa l-"Kumitat Ewropew għall-Prevenzjoni kontra t-Tortura u t-Trattament jew il-Pieni Inumani jew Degradanti". L-isem joħroġ fih żewġ fatturi importanti: l-ewwel nett, li il-KPT huwa Ewropej, u t-tieni nett, li mhux biss it-"tortura" taqa' taħtu, iżda wkoll firxa sħiħa ta' sitwazzjonijiet li jistgħu jitqiesu bħala "trattament jew pieni inumani jew degradanti".

## Sistema ta' żjarat

Iż-żjarat isiru minn delegazzjonijiet, normalment magħmula minn bosta membri tal-KPT, akkumpanjati minn membri tal-istaff tas-Segretarjat tal-Kumitat u, jekk ikun hemm bżonn, minn esperti oħra u minn interpreti.

Id-delegazzjonijiet tal-KPT jagħmlu żjarat kull tant żmien (is-soltu jsiru darba kull erba' snin), iżda jsiru żjarat oħra "ad hoc" meta jkun hemm il-ħtieġa.

Il-Kumitat għandu javża lill-Istat ikkonċernat bl-intenzjoni li ssir żjara mill-Kumitat. Wara l-avviż, id-delegazzjoni tal-KPT tista' tmur fi kwalunkwe ħin u mingħajr avviż f'kull post fejn ikunu qegħdin jinżammu persuni li tkun itteħditilhom il-libertà tagħhom.

## Kooperazzjoni u kunfidenzjalità

Il-prinċipji tal-kooperazzjoni u tal-kunfidenzjalità huma inkorporati fil-Konvenzjoni internazzjonali li tistabilixxi l-KPT.

- Il-kooperazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali tinsab fil-qalba tal-ħidma tal-KPT, minħabba illi l-għan hu li jiġu mħarsa persuni li tkun itteħditilhom il-libertà tagħhom aktar milli li jiġu kkundannati Stati fuq abbużi mwettqa.
- Il-kunfidenzjalità hija karatteristika oħra tal-ħidma tal-KPT: is-sejbiet tal-Kumitat, ir-rapporti tiegħu u t-tweġibiet mill-gvernijiet huma, fil-prinċipju, kunfidenzjali. Minkejja dan, bosta mit-tagħrif dwar il-ħidma tal-KPT huwa miftuħ għall-aċċess mill-pubbliku.

## Pubblikazzjonijiet

- L-Istat innifsu jista' jitlob illi r-rapport tal-KPT jiġi ppubblikat, flimkien mat-tweġiba mogħtija minnu. S'issa, il-parti l-kbira mill-Istati għażlu li jippubblikaw dawn id-dokumenti.
- Jekk xi Stat ma jikkooperax jew ma jkunx irid ibiddel is-sitwazzjoni għall-aħjar fid-dawl tar-rakkomandazzjonijiet tal-KPT, il-Kumitat jista' jagħżel li joħroġ stqarrija pubblika.
- Barra minn dan, il-KPT ifassal rapport ġenerali dwar l-attivitajiet tiegħu, li jiġi ppubblikat darba fis-sena.

## Kif inhu msawwar il-KPT

- Il-membri tal-KPT huma esperti indipendenti u imparzjali attivi f' oqsma differenti, bħal avukati, tobba, u speċjalisti f'aspetti marbuta mas-sistema penitenzjarja jew mal-pulizija.
- Il-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa jaħtar b'vot membru għal kull Stat Kontraenti. Il-membri kollha jservu fil-kapaċità individwali tagħhom (jiġifieri, dawn ma jirrappreżentawx lill-Istat li jkunu ġew eletti għalih). Sabiex tiġi garantita l-indipendenza, il-membri ma jżurux lill-Istat illi jkunu ġew eletti għalih.
- Is-Segretarjat tal-KPT jifforma parti mil-Kunsill tal-Ewropa.

## Il-Ħsieb wara l-KPT

- Il-KPT twaqqaf taħt il-"Konvenzjoni Ewropea għall-Prevenzjoni kontra t-Tortura u t-Trattament jew il-Pieni Inumani jew Degradanti" tal-Kunsill tal-Ewropa, li daħlet fis-seħħ fl-1989.
- Din tibni fuq Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem li tgħid illi "ħadd ma għandu jiġi ssuġġettat għat-tortura jew għal xi trattament jew pieni inumani jew degradanti".
- Il-KPT mhuwiex xi korp investigattiv, iżda qiegħed hemm biex joffri mekkaniżmu mhux ġudizzjarju ta' prevenzjoni sabiex iħares persuni li tkun itteħditilhom il-libertà tagħhom mit-tortura u għamliet oħra ta' moħqrija. Għalhekk huwa joffri aspett ieħor li jgħaqqad mal-ħidma ġudizzjarja tal-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem.

## Ratifikazzjonijiet

- Il-Konvenzjoni ġiet irratifikata mis-47 Stati membri kollha tal-Kunsill tal-Ewropa.
- Barra minn hekk, il-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa jista' jistieden kwalunkwe Stat mhux membru tal-Organizzazzjoni sabiex jissieħeb fil-Konvenzjoni.



## Jekk trid taqra aktar dwar dan

- Ir-rapporti tal-iżjarat tal-KPT, it-tweġibiet mill-gvernijiet, l-istqarrijiet pubbliċi, u r –rapporti ġenerali jinstabu fuq is-sit elettroniku tal-KPT.
- Il-KPT żviluppa standards marbuta mat-trattament ta' persuni li tkun itteħditilhom il-libertà tagħhom. Taqsira ta' dawn l-istandards ġiet ippubblikata fuq il-fuljett "Standards tal-KPT".
- Aktar dettalji dwar il-mandat tal-KPT u dwar kif jaħdem il-KPT jinstabu fit-test tal-"Konvenzjoni Ewropea għall-Prevenzjoni kontra t-Tortura u t-Trattament jew il-Pieni Inumani jew Degradanti" u fir-"Rapport Spjegattiv" ta' miegħu.

## Fejn tista' tikkuntattjana:

Segretarjat tal-KPT
Kunsill tal-Ewropa
F-67075 Strasburgu Cedex
Franza

Internet: www.cpt.coe.int
E-mail: cptdoc@coe.int
Tel.: +33 (0)3 88 41 39 39
Fax: +33 (0)3 88 41 27 72







PREMS 108115

MLT

www.coe.int

Il-Kunsill tal-Ewropa huwa l-organizzazzjoni ewlenija tal-kontinent dwar id-dritiijiet talbniedem. Iħaddan 47 stat membru li jinkludu it-28 stat membru tal-Unjoni Ewropeja. L-istati membri kollha tal-Kunsill tal-Ewropa huma firmatarji tal-Konvenzjoni Ewropeja Ghad-Drittijiet tal-Bniedem, li huwa trattat li l-għan tiegħu huwa l-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt. Il-Qorti Ewropeja Għad-Drittijiet tal- Bniedem tħares l-implementazzjoni tal-Konvenzjoni mill-istati membri.

COUNCIL OF EUROPE

CONSEIL DE L'EUROPE